MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1446/2000/1

**L-Avukat Dottor Hugh Peralta bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Germaniza Avionik Straubing GmbH**

**vs**

**Executive Flight Services Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' Lulju 2000 pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-attur *nomine* fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf u erbghin Deutsche Marks u hamsa u erbghin *pfennig* (DEM42,040.45) ekwivalenti ghal cirka tmint elef, disa' mija u hames Liri Maltin

(Lm8,905) rapprezentanti l-prezz ta' diversi servizzi rezi mill-attur *nomine* lis-socjeta` konvenuta u ta' diversi *"parts"* u *"components"* ta' ajruplani u makkinarju tal-avjazzjoni iehor l-mibjugh u konsenjat mill-attur *nomine* lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u nkarigu specifiku tal-istess socjeta` konvenuta;

Illi minkejja li dawn l-oggetti u s-servizzi gew debitament accettati mis-socjeta` konvenuta, l-istess socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammonti dovuti minnha minkejja diversi talbiet ghal hlas minghand l-attur *nomine* u minkejja li f'korrispondenza varja l-istess socjeta` konvenuta irrikonoxxiet li kellha thallas lill-attur *nomine* u dan kif jidher minn ittra datata 20 ta' Ottubru 1999 kopja taghha annessa u markata bhala dokument ittra "D";

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Onorabbili Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-attur *nomine* fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf u erbghin Deutsche Marks u hamsa u erbghin *pfennig* (DEM42,040.45) ekwivalenti ghal cirka tmint elef, disa' mija u hames Liri Maltin (Lm8, 905) rapprezentanti l-prezz ta' diversi servizzi rezi mill-attur *nomine* lis-socjeta` konvenuta u ta' diversi *"parts"* u *"components"* ta' ajruplani u makkinarju tal-avjazzjoni iehor l-mibjugh u konsenjat mill-attur *nomine* lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u nkarigu specifiku tal-istess socjeta` konvenuta;

2. U tikkundanna minnufih lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess attur *nomine* s-somma ta' tnejn u erbghin elf u erbghin Deutsche Marks u hamsa u erbghin *pfennig* (DEM42,040.45) ekwivalenti ghal cirka tmint elef, disa' mija u hames Liri Maltin (Lm8,905) dovuti kif u ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq;

Bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-10 ta' Dicembru 1999, kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed isir u jigi mahrug kontemporanjament ma' dan l-att ta' citazzjoni,

u dan kollu kontra l-istess socjeta` konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 16 ta’ Frar 2001 (fol 25) fejn esponiet : -

1. Illi *in linea* preliminari, l-attur *nomine* ghandu jgib l-prova tal-mandat tieghu;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet tal-attur *nomine* ghandhom jigu respinti peress illi huma ghal kollox infondati kemm fattwalment u kif ukoll legalment kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh ta’ dawn il-proceduri;

3. Illi parti sostanzjali mill-oggetti konsenjati kienu difettuzi u mhux fi stat tajjeb ta’ operazzjoni tant li ma setghux jigu nstallati fuq l-ajruplan tenut kont tal-periklu serju li tali nuqqasijiet setghu jgibu maghhom meta l-ajruplan ikun qieghed itir;

4. Illi *nonostante* li l-attur *nomine* kellu jibdel u\jew jirrimedja tali nuqqasijiet huwa baqa’ inadempjenti u ghalhekk ma jistax issa jippretendi li jithallas ta’ konsenja hazina u dan kif jirrizulta ampjament mill-annessa ittra datata 20 ta’ Dicembru 1999 markata bhala Dok EF1;

5. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri waqt il-prosegwiment ta’ din il-kawza jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-attur *nomine* li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur *nomine* datata 29 ta’ Novembru 2004 a fol 191 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar 2005 (fol 200) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn

meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti osservat illi minkejja d-digriet taghha tat-2 ta’ Dicembru 2004 il-kumpanija konvenuta naqset li tressaq in-nota ta’ sottomissjonijiet fi zmien moghti lilha. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. Raphael Fenech Adami ghall-kumpanija konvenuta li rrinunzja ghan-nota ta’ sottomissjonijiet. Dr. Raphael Fenech Adami tratta bil-fomm. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Mejju 2005; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta’ Novembru 2012, fejn b’ ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta, il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2013, b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Frar 2013 ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' prezz ta' servizzi resi u *components* u *parts* mibjugha lis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' (DEM42,040.45) ekwivalenti ghal cirka Lm8,905. Is-socjeta` konvenuta opponiet ghat-talba peress li parti sostanzjali mill-oggetti kkonsenjati kienu difettuzi u mhux fi stat tajjeb ta' operazzjoni tant li setghu jikkagunaw periklu serju fuq l-ajruplan.

Xehed **Gunter Hemmel**[1]**,** Direttur tas-socjeta` attrici. Qal li s-socjeta` tieghu ta' spiss kienet inkarigata biex taghmel riparazzjonijiet fuq l-ajruplan tas-socjeta` konvenuta fi Straubing li kienet *en route* fit-titjira bejn Malta u l-Ingilterra. Ma kellhomx problemi u rcevew il-pagamenti dovuti minghajr dewmien.

---

[1] Seduta tat-30 ta' Settembru 2002 a fol 63 *et.seq.* tal-process.

Il-kumpanija konvenuta tippossjedi ajruplan wiehed, PA 42 Piper Cheyenne u huma ghamlu xoghlijiet fuq dan l-ajruplan. Qal li bil-ligi, l-ajruplan kellu bzonn installazzjoni ta' *basic area nav installation* u s-socjeta` attrici kellha tistalla dan l-apparat ta' BRNAV. B'dan l-ajruplan ikollu sistema ta' GPS li jrendih indipendenti minn *ground base navigational aid.*

Qal li s-socjeta` attrici hija kwalifikata biex tistalla dawn is-sistemi bhala B.A. Certified Nav. Company u huma wkoll *Joint Authority Certified.*

L-ordni saret bil-mezz telefoniku ma' Alfredo Petro li hu c-*chief pilot* tal-kumpanija konvenuta. L-ordni kienet *major installation* u stabbilew data u rriservaw akkomodazzjoni f'hotel ghal Petro u persuna ohra. Dan l-arrangament ukoll sar fuq it-telefown.

Ix-xhud spjega li l-ordni kienet tikkonsisti fl-istallazzjoni ta' BRNAV installation kif ukoll "*EPS".* Irrefera ghall-*invoices* esebiti li huma datati bejn il-25 ta' Mejju 1999 u d-9 ta' Lulju 1999[2]. L-ordni giet esegwita fil-*hangar* tas-socjeta` attrici fi Straubing. Alfred Petro u Tyron Galea kienu prezenti ghall-parti sostanzjali waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet. Ir-relazzjonijiet kienu amikevoli u ma sarux kummenti dwar ix-xoghol li kien qed isir. Ix-xoghlijiet saru minn certu Schustel u Kerochl li kienu t-teknici ewlenin tal-kumpanija attrici. Esebixxa *breakdown* dettaljat tal-ordni (**DOK GH)** muri fuq l-*invoices*.

Qal ukoll li hemm *final release*[3] li hu mehmuz mal-*log book* li jaghti l-prova li x-xoghlijiet gew esegwiti korrettement u li "*the pilot can rely on the new installation."* Ix-xhud personalment jaghti dan ir-rilaxx finali peress li hu kwalifikat bhala *inspector.* Hu jiffirma r-rilaxx wara li jkun ghamel il-verifika tieghu permezz ta' *test flight* li, f'dan il kaz, sar sa Auxburg f'titjira ta' madwar nofs siegha.

---

[2] Esebiti bhala Dokti A, B u C a fol 5 - 11

[3] A fol. 45 tal process.

Petro u Galea kienu prezenti waqt din it-titjira li waqtha ivverifikaw il-*performance* tal-istallazzjoni u kollox mar perfettament kif jirrizulta mill-*flight test report* datat l-1 ta' Lulju 1999(fol 42-43). Minn Auxberg komplew sa Malta fejn gie ospitat mill-istess Petro.

Qal li l-prezz reklamat f'din il-kawza jinkludi kemm il-prezz tal-installar tal-apparat kif ukoll il-prezz tal-istess apparat, *landing fees* u xi spejjez konnessi ma' dokumentazzjoni. Ma jinkludux l-ispejjez tal-akkomodazzjoni ta' Petro u Galea.

Ikkonferma l-*fax* mibghut lilu a fol. 13 tal-process (**DOK D**) datat l-20 ta' Ottubru 1999 fejn Tony Galea jappologizza ghad-dewmien fil-pagament u jghid li qed jistenna pagament kbir biex ikun jista’ jhallsu.. "*Please rest assured that we will pay you as soon as we can and we will do our best to at least pay half of the amount by the end of October."*

Madanakollu qal li fl-ahhar ta' Settembru bidu ta' Ottubru, Executive Services kienu ilmentaw li kien hemm xi hsara fl-antenna tal-BRNAV u huma offew li jirrimedjaw fuq l-ajruplan jekk jmur fi Straubing. Izda baqghu ma dehrux minkejja li x-xoghlijiet kienu taht garanzija ghal sentejn.

Xehed **in kontro ezami** u qal li rcevew istruzzjonijiet biss minghand Alfred Petro u dawn kienu verbali. Madanakollu qal li kienu f'kuntatt mas-socjeta` konvenuta u anke ma' Tyron Galea. Petro kien il-bdot tal-kumpanija izda kien involut bhala socju. Din ma kinetx l-ewwel darba li kellhom xoghol mas-socjeta` Executive Flight Services. Ma rax xi awtorizzazzjoni bil-kitba sabiex Petro jirraprezenta l-kumpanija.

Meta offrew li jivverifika l-hsara fl-antenna, kien f'kuntatti ma’ Tony Galea li kien ukoll *co pilot.*

Mistoqsi x'kien l-ilment qal li "*The complaint showed internal fault on the directioning ...En route its no problem because en route whether you are 100 meters to the left*

*or right it does not matter, but in close vicinity of an airport of an approach, you must be within 5 nautical miles and if a flag comes on you might not be accurate enough for the BRNAV approach...It is a serious (fault) but since the BRNAV accuracy of the BRNAV installation is mandatory for instrument flights, I wonder what they did, they could not fly - by law they were not allowed to take the aircraft into the air and they apparently continued their flight. ..They continued to fly without any problems."*

Ma qabilx li s-sistema jintefa' minhabba l-hsara ilmentata. "*You can still navigate with the GPS system but with less accuracy..like in the system which had been installed before."* Izda f'dan il-kaz ma jkunx qed jikkonforma ruhu mar-regolamenti tal-avjazzjoni.

**In ri-ezami** qal li hu kien jifhem li Tony Galea kien id-Direttur tal-Kumpaniija. Ibnu Tyron seta' kien involut fil-kumpanija u anke Petro li kien Managing Director.

Xehed **Carmel Caruana Trikkas**[4] ghan-nom tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili, li kkonferma li l-ajruplan tal-ghamla Piper Cheyanne CA registrat 9HADD kien registrat ghall-ewwel darba fit-8 ta' Lulju 1988 f'isem Executive Flight Sercices Limited u dam hekk registrat sat-18 ta' Mejju 2000. Mis-sena 1999 is-*surveys* ghall-hrug ta' certifikat ta' *air worthiness* bdew isiru minn *surveyors* Maltin. Qabel kienu jsiru minn *Bureau Veritas*, li hija ditta Franciza.

Esebixxa Certifikat ta' spezzjoni tal-ajruplan imsemmi minn Mike Watson datat is-26 ta' April 2000(**DOK CCT1**) (fol.101) u *statement of Air Worthiness* (**DOK CCT2**) (fol.107). Din l-ispezzjoni saret ghaliex l-ajruplan kien ghal bejgh. Esebixxa wkoll *Inspection Report* maghmul mill-Buraeu Veritas fuq l-istess ajurplan datat id-9 ta' Lulju 1998 ghall-iskop ta' registrazzjoni (**DOK CCT3**) (fol.108).

Hu ma setax jghid, mid-dokumenti a dispozizzjoni tieghu, jekk sarux xi tiswijiet jew tibdiliet fuq l-ajruplan. Li

[44] Xhieda quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' April 2003 (fol 133 *et*. seq)

jirrizultalu huwa *maintenance report* (**DOK CCT7**) (fol.118) datat l-24 ta' Settembru 1998 li kienet tirrigwarda xoghlijiet fil- *propellors.*

Meta jkun hemm rimarki fis-*survey report* li l-ajruplan jehtieglu xi attenzjoni partikolari, jiddependi hafna mit-tip ta' nuqqasijiet li jsib is-*surveyor* biex id-direttorat tal-avjazzjoni civili jew izomm milli johrog certifikat tal-*airworthiness* ghall-ajruplan in kwiston jew johorgu kondizzjonat ghal fatt li ikollhom isiru xi xoghlijiet.

"*Meta jinhareg pero` c-certifikat tal-'air worthiness' dana jkun ifisser li l-ajruplan ikun f'kondizzjoni li jtir u jekk ikun il-kaz li jghabbi n-nies fuqu. Dan tnehha mir-registru tal-ajruplani registrati taht il-bandiera Maltija fit-18 ta' Mejju 2000 u r-raguni tat-tnehhija tieghu saret mis-sidien li riedu jbieghuh." (**DOK 79R1**).*

Xehed **Alfred Petro**[5] li kien ic-Chief Pilot mas-socjeta` konvenuta minn Jannar 1998 sa Ottubru 1999. Qatt ma kien azzjonist fil-kumpanija ghalkemm kien Direttur ghal xi perjodu.

Meta l-ajruplan inxtara fi Frar 1988, kien registrat fl-Amerika u hu ssuggerixxa li jsiru xoghlijiet ta' manutenzjoni biex jikkonformaw mar-regolamenti li joperaw fl-Unjoni Ewropea. Sa Frar 1999 dawn ix-xoghlijiet kienu ghadhom ma sarux. Hu kkonferma li d-dokumenti esebiti a fol 9 sa 12 tal-process jirreferu ghax-xoghlijiet li kien issuggerixxa li jsiru u kkonferma li personalment ha l-ajruplan lejn Straubing, Munich fis-26 ta' Gunju 1999 u personalment ivverifika l-apparat li kellhom jigu stallati fuq l-ajruplan. L-ajruplan dam fi Straubing sad-9 ta' Lulju 1999. Ikkonferma li x-xoghlijiet saru taht id-direzzjoni ta' Hemmel. Minn Straubing taru lejn Auxberg u minn hemm lejn Malta.

L-ahhar li tar l-ajruplan kien f'Dicembru 1999. Ikkalkula li kien ippilotaha ghal xi 150 siegha wara li l-ajruplan wasal f'Malta. L-ahhar *commercial flight* sehh fil-21 ta' Settembru

[5] Xhieda quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' April 2003 (fol 138 *et*. seq)

1999 u fil-11 ta' Ottubru 1999 ghamel *test flight* ta' ghaxar(10) sighat. Kien l-uniku bdot fil-kumpanija.

Spicca mis-servizz mal-kumpanija f'Dicembru 1999 u l-ajruplan baqa' ma jithaddimx sa April 2000 salv ghal xi titjira qasira f'Dicembru 1999. "*The aircraft was totally neglected."*

F'April 2000 id-Diretturi tal-kumpanija konvenuta nfurmawh li kienu bieghu l-ajruplan u talbuh jaghmel titjira lejn Denmark sabiex jigi spezzjonat u hekk ghamel fit-23 ta' April 2000. Sa fejn hu baqa' fil-kontroll tal-ajruplan kien jaf li kien kopert b'certifikat ta' *air worthiness. "I can certify that the equipment which had been installed on the aircraft as a result of the works requested from Avionic Straubing was fully functional according to the specification and according to the manuals supplied."*

Hu cahad kategorikament li qatt ikkomunika xi lanjanzi lil Avionic Straubing sabiex jimmodifikaw l-apparat jew li kien hemm xi *snag list* li kellha tigi rimedjata wara li stallaw l-apparat fl-ajruplan. Hu kien l-uniku persuna b'taghrif tekniku mas-socjeta` konvenuta. Kien hemm *co-pilot* - Tyron Galea.

B'riferenza ghal fol 8, BRNAV *installation*, "*this was referred to the company by Tyron Galea and refers to the case where apart from the navigation equipment is linked to satellites. It happened in this case that the equipment lost links to two of the twelve satellites to which it was linked for navigation purposes and Mr. Galea interpreted this as a defect in the equipment whereas this has nothing to do with defect of the equipment but it is a question of reception of signals."*

Xehed **Anthony Galea**[6], Direttur mal-kumpanija konvenuta. Ikkonferma li l-persuna inkarigata ghax-xiri ta' *parts* u xoghlijiet ta' manutenzjoni tal-ajruplan in kwistjoni kien Alfred Petro li kien il-pilota ewlieni tal-kumpanija. Qal

[6] Xhieda quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Mejju 2004 (fol 176 *et. seq*)

li l-ewwel darba sar jaf bil-pretensjonijiet attrici kienet meta dahal *fax* u Petro spjegalu li dan kien dwar strumentatura tal-ajruplani li ngiebet mill-Germanja.

Meta ircieva dan il-*fax*, l-istrumenti kienu gja stallati. Skont ix-xhud Petro qallu li xi strumenti ma kienux qed jiffunzjonaw sew. Dawn kellhom x'jaqsmu mal-GPS *system.* Din l-istrumentatura baqghet ma gietx imsewwija u meta gew esperti Svizzeri biex jaghmlu *air worthiness test* tal-ajruplan qalulhom li setghu jikkonsidraw din il-bicca strumentatura "*daqs li kieku ma kenitx fl-ajruplan."*

In **kontro-ezami** qal li l-kumpanija tieghu oggezzjonat biss li thallas dik il parti tal-istrumentatura li ghandha x'taqsam mal-GPS. "*Meta jkollok kwistjoni trid izzomm il-hlas kollu."*

Fiz-zmien relattiv ghall-kont in kwistjoni Petro kien Direttur tal-kumpanija konvenuta.

"*Nikkonferma li fiz-zmien kollu li l-ajruplan in kwistjoni dam bhala proprjeta` tal-kumpanija rapprezentata minni, dan kellu dejjem certifikati ta' 'air worthiness' imma rrid naghmilha cara li l-fatt li jkun hareg certifikat li l-ajruplan jista' jittajjar ma jfissirx li ma jkunux inqalghu problemi."*

Xehed **Tyron Galea**[7] u kkonferma li kien prezenti ghal xi hmistax-il jum il-Germanja fil-perjodu tal-installazzjonijiet mertu ta' din il-kawza. Dak iz-zmien l-istrumenti kienu fakultattivi imma Petro deherlu li kellhom jigu konformi biex l-ajruplan ikun jista' jittajjar f'territorju Ewropew.

Hu u Petro tajru l-ajruplan lura Malta wara li tqieghed l-istrumentazzjoni. Waqt din it-titjira ma uzawx is-sistema l-gdida ghaliex ma kienux certifikati biex juzawha. Meta bdew jipprovaw juzawha irrealizzaw li l-GPS kienet tixghel imma ma tahdimx. Is-siwi tas-sistema kien li jippermetti taghrif biex ikun hemm titjira diretta minn punt ghal punt. Minghajr dik is-sistema it-titjir ikollu rotta itwal hafna u waqfien ghar-riforniment tal-*fuel.*Gibed l-attenzjoni ta'

[7] Xhieda quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Mejju 2004 (fol 181 *et*. seq).

Petro izda sakemm inbiegh l-ajruplan is-sistema ma trangatx. Ma setax jghid meta hareg in-nuqqas fil-hdim tal-GPS sakemm inbiegh l-ajruplan.

In **kontro ezami** xehed li meta kienu fi Straubing kienu tkellmu ma' Gunther Hammel biex jispecifikaw l-istrumentatura li riedu li tigi installata. Cahad li tajru l-ajruplan lejn Auxberg. L-ajruplan gie Malta minn Straubing.

Mistoqsi mill-Qorti dwar ghaliex dahhlu s-sistema jekk la hu u lanqas Petro ma kienux ghadhom licenzjati biex juzawha qal li "*l-hsieb tal-kumpanija konvenuta kienet illi effettivament tutilizza bis-shih is-sistema tal-GPS aktar 'il quddiem."*

Xehed **l-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami**[8] li kkonferma ittra mibghuta minnu **DOK EF1** a fol. 27 tal-process datata l-20 ta' Dicembru 1999 bi twegiba ghall-ittra mibghuta mil-legali tas-socjeta` attrici datata l-10 ta' Dicembru 1999.

**Apprezzament tal-Fatti**

Qabel xejn l-attur *nomine* ressaq prova tal-mandat ta' Dr. Hugh Peralta biex jidher f'dawn il-proceduri permezz ta' nota a fol. 31 tal-process. Din il-prokura ma gietx impunjata u l-Qorti ser tistrieh fuq il-validita' taghha.

**L-Ewwel Eccezzjoni ghalhekk mhix qed tigi akkolta.**

**<u>It-Tieni u t-Tielet, Eccezzjonijiet</u>**

Id-difensur attrici ssolleva punt procedurali fis-sens li l-eccezzjoni tad-difetti fl-oggetti mibjugha mhix guridikament ammissibbli in kwantu ghandha titressaq *per via d'azione* jew bl-*actio redhibitoria* jew bl-*actio aestimatoria.*

---

[8] Xhieda quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Mejju 2004 (fol 188 *et. seq*).

Meta l-haga kunsinnata mill-bejjiegh tkun afflitta minn xi vizzju okkult, ir-rimedji tal-bejjiegh ikunu dawk previsti minn dan l-artikolu u cioe' jew l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni kwantu *minoris*. Il-ligi tipprovdi li x-xerrej jista' jaghzel billi jgib 'il quddiem l-azzjoni redibitorja li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz inkella billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni aestimatorja, izomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti. (**Art. 1427 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta**.)

Gie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati, u dan jirrizulta wkoll mit-test tal-ligi, illi d-dritt naxxenti minn vizzju redibitorju ma jistax jigi dedott b'eccezzjoni imma ghandu jigi ezercitat fi zmien utili b'azzjoni. "*Il diritto nascente dal vizio che intitola l'azione redibitoria non puo essere ridotto in linea di eccezzione ma deve essere ezercitato in tempo utile per via l'azione*." **(Vol XX.i.281)(Vol XXIX.ii.1170).** (Ara f'dan is-sens ukoll "***Zammit Automobiles Limited v Charles Bezzina" -*** PA GV dec. fit-30 ta' Gunju 2003.)

Fis-sentenza taghha moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001, il-Qorti tal-Appell, fil-kawza "**Grech v Abela**" qalet hekk:"*Jinghad li skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut ma jistax jaghmel dak li ghamel f'din l-istanza. Infatti, gie ripetutament deciz li jekk il-persuna li jkollha favur taghha t-terminu ta' dekadenza ma tkunx ezercitat l-azzjoni appozita a bazi tal-garanzija fit-terminu ta' dekadenza, allura dik il-persuna ma tistax teccepixxi d-difett favur taghha."* Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz "***Paul Tabone v Edward Cesareo"*** (Dec. fis-27 ta' Jannar 1965) iccitat mid-difensur attrici.

Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta agixxiet fit-terminu perentorju u ta' dekadenza stabbilit mil-legislatur. Ic-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fit-12 ta' Lulju 2000 filwaqt li n-nota tal-eccezzjonijiet giet intavolata fis-16 ta' Frar 2001, u ghalhekk carament *fuori termine* (**art. 1431 CC**). Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija guridikament inammissibbli u ser tigi michuda.

Izda anke, ghall-grazzja tal-argument, li kieku din il-Qorti kellha tammetti din l-eccezzjoni fuq pjan guridiku, tfalli fuq bazi fattwali in kwantu l-istess socjeta` konvenuta ma ressqitx provi sal-grad rikjest mil-ligi biex tissostanzja t-tezi taghha.

Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax ikkontestat li l-apparat u s-servizzi li taghhom is-socjeta` attrici qed tippretendi l-hlas gew effettwati f'ajruplan tal-marka Piper PA 42 Cheyenne III. Dawn ix-xoghlijiet u servizzi kienu jinkludu l-istallar ta' servizz ta' navigazzjoni BRNAV fl-ajruplan sabiex jikkonformu ma' regolamenti tal-Unoni Ewropea. Jirrizulta pacifiku wkoll li dan l-ajruplan kien ta' proprjeta' tas-socjeta` konvenuta fiz-zmien meta twettqu ix-xoghlijiet ta' installazzjoni tal-apparat.

Il-Qorti minnufih tosserva li mhix konvinta li Tony Galea, id-Direttur u azzjonist ta' Executive Flight Services Limited ma kienx jaf b'din l-ordni. Fix-xhieda tieghu qal li kien sar jaf b'din l-installazzjoni meta rcieva *fax* minghand is-socjeta` estera. Izda fl-istess hin hareg car mill-provi li ibnu stess, Tyron Galea, kien akkompanja lil Alfred Petro, ic-*chief pilot* tal-kumpanija konvenuta u l-persuna addetta mill-aspetti teknici u ta' manutenzjoni tal-ajruplan, lejn Straubing fejn gie stallat l-apparat. Wiehed jifhem li ibnu jzommu *au courant* ta' dak li kien qed jigri. *Inoltre* f'dan il-perjodu Petro kien sahansitra Direttur tal-kumpanija u awtorizzat ghaldaqstant biex jirrapprezentaha. Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet li jillampeggjaw minghajr l-ebda diffikolta`, l-ajruplan kien f'Straubing bejn is-26 ta' Gunju u d-9 ta' Lulju 1999 u l-Qorti ssibha difficli li temmen li Tony Galea kien ghal kollox fl-oskur ta' dak li kien qed jigri. Lanqas hija rilevanti dak li xehed Tyron Galea u cioe` li r-regolamenti tal-EU ma kienux mandatorji fiz-zmien tal-installazzjoni ghaliex xorta ghamlu l-ordni.

Il-Qorti ghalhekk tikkonsidra li l-inkarigu moghti lill-kumpanija attrici kien effettivament moghti mis-socjeta` konvenuta.

Il-lanjanza tas-socjeta` intimata hija principalment indirizzata lejn l-integrita` tas-servizz u apparat stallat li

jghidu kien difettuz tant li tali nuqqas seta' jikkaguna periklu serju ghall-ajruplan waqt titjira.

Il-Qorti, wara li rat il-provi u x-xhieda prodotti, ma taqbilx ma’ din it-tezi. Hu pacifiku li l-konvenut f'kawza ghall-hlas bhal dik odjerna, jista' jiddefendi ruhu billi jissolleva l-eccezzjoni ta' difetti fl-oggetti mibjugha li jrendih inkapaci ghall-uzu destinat tieghu. Certament meta *si tratta* ta' apparat installat fuq ajruplan, ix-xerrej jista' validament jikkontesta talba ghall-hlas jekk tali apparat, jew l-installazzjoni difettuza tieghu, jikkaguna periklu ghall-ajruplan.

Izda din il-prova tispetta lis-socjeta` konvenuta, liema prova hija mankanti.

Gunter Hemmel ipproduca dokumentazzjoni kopjuza li telenka sal-inqas dettall dak li twettaq fuq l-ajruplan in kwistjoni. Din il-metikolozita` fiha nnifisha turi li d-ditta attrici hija wahda serja, ben konxja tal-konsekwenzi serji li jista’ javvera minhabba xi difett fix-xoghol jew fl-apparat *in volo.* Il-Qorti ovvjament ma tieqafx hawn. Hemmel xehed, u dan mhux kontradett, lis-socjeta` tieghu hija B.A. Certified Nav.Company u huma wkoll *Joint Authority Certified.* Apparti dan qal li ghandhom esperjenza fil-kamp u kienu anke hadmu ghas-socjeta` konvenuta qabel ma’ wettqu l-ordni in kwistjoni minghajr l-ebda problema dwar xoghol u hlas.

Hemmel esebixxa *inoltre flight test report (fol 42)* wara titjira minn Straubing ghal Auxberg sabiex jittestjaw l-apparat. Il-fatt ta' dan it-*test flight* hu korroborat minn Alfred Petro izda michud vigorozament minn Tyron Galea. Skont Hemmel kollox hadem sew waqt din il-*flight* u sussegwentement iffirma *Release for Service (fol 45)*. L-awtenticita' ta' dawn id-dokumenti ma gietx ikkontestata. Il-Qorti m'ghandhiex raguni biex ma taccettax il-verzjoni tal-attrici dwar it-*test flight.* Apparti x-xhieda korroboranti ta' Petro, hemm ukoll dokumenti li jikkonfermaw li sar *test flight.*

Dwar difetti fis-sistema, il-provi huma wkoll kontrastanti. Hemmel xehed li d-difett li Tyron Galea lmenta dwaru seta' kien serju u anke perikoluz. Madanakollu jirrizulta li qatt ma kellu l-opportunita` biex jivverifika jekk kienx jezisti tali difett ghaliex is-socjeta` konvenuta baqghet ma gabitx l-ajruplan sabiex isiru l-verifiki u, okkorrendo, it-tiswijiet taht il-garanzija li kienet ghadha vigenti.

Petro jixhet ftit dawl fuq dan l-ilment ta' Tyron Galea meta xehed li "*Mr. Galea interpreted this as a defect in the equipment whereas this has nothing to do with defect of the equipment but it is a question of reception of signals."* Petro kien it-tekniku tal-kumpanija konvenuta u nkarigat minn dawn l-aspetti filwaqt li Tyron Galea kien *co-pilot.* Petro infatti ta *clean bill of health* lix-xoghol tas-socjeta` attrici meta afferma*. "I can certify that the equipment which had been installed on the aircraft as a result of the works requested from Avionic Straubing was fully functional according to the specification and according to the manuals supplied."*

Il-Qorti tinnota li x-xoghlijiet twettqu bejn is-26 ta' Gunju 1999 u l-1 ta' Lulju 1999. Fl-20 ta' Ottubru 1999 l-kumpanija estera rceviet *fax* iffirmat minn Tony Galea fejn jaccetta l-ammont bhala dovut izda jitlob iz-zmien ghall-hlas minhabba problemi ta' likwidita`. L-ilment ta' Tyron Galea sar fl-ahhar ta' Settembru bidu ta' Ottubru 1999 u ghalhekk din l-ittra hija posterjuri ghall-ilment. B'dan il-Qorti tifhem li s-socjeta` konvenuta xorta accettat li thallas l-ammont kollu pretiz. Il-*fax* (DOK D) ma jsemmi xejn dwar tiswijiet li ghandhom isiru imma Tony Galea jghid biss "*Please rest assured that we will pay you as soon as we can and we will do our best to at least pay half of the amount by the end of October."*

L-ewwel korrispondenza esebita dwar dan l-allegat difett hi datata l-20 ta' Dicembru 1999 (fol 27). Sa dak iz-zmien Petro kien telaq mis-socjeta` izda xehed li kien ghamel *test flight* ta' 10 sieghat fil-11 ta' Ottubru 1999 fuq l-ajruplan u *commercial flight* f'Settembru. Ma jirrizultax li avveraw xi difetti f'dawn il-*flights.* Bejn Dicembru 1999 u April 2000 skont Petro, l-ajruplan thalla fuq l-*apron* u ma

kienx qed jigi mantnut - "*it was neglected.*" Is-socjeta` konvenuta infatti bieghet l-ajruplan f'April 2000.

Prova tad-difett, ghajr li saret lamentela minn Tyron Galea, ma tressqitx. Skont dokumenti esebiti mid-Direttorat tal-Avjazzjoni Civili inghatat *certificate of airworthiness* fl-24 ta' April 2000 (fol 107) qabel ma inbieghet, u kienet koperta minn certificat ta' *airworthiness* bejn Lulju 1998 u Gunju 2000 skont certifikat rilaxxjat mid-Dipartiment a fol 115. Dan ukoll gie kkonfermat minn Tony Galea meta qal li l-ajruplan "*kellu dejjem certifikati ta' 'air worthiness'.* Huwa minnu, kif osserva l-istess Galea li b'dan ma jfissirx li ma jistghux jinqalghu problemi, izda l-Qorti ssibha difficli li temmen li jigi rilaxxjat certifikat ta' *air worthiness* jekk ikun hemm apparat difettuz tali li jista' ikun ta' periklu ghat-titjira, kif, *del resto,* eccepiet l-istess socjeta` konvenuta.

Fid-dawl tal-premess dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

**Ir-Raba' Eccezzjoni**

B'din l-eccezzjoni s-socjeta` konvenuta allegat li *"l-attur nomine kellu jbiddel u/jew jirrimedja tali nuqqasijiet izda baqa' inadempjenti u ghalhekk ma jistax jippretendi li jithallas ta' konsenja hazina."*

Din l-eccezzjoni m'hi sorretta minn ebda prova. Ma jirrizultax li l-attur *nomine* naqas milli jirrimedja xi nuqqasijiet ghaliex, fl-ewwel lok, l-ezistenza ta' tali nuqqasijiet ma gietx ippruvata u, fit-tieni lok, Hemmel iddikjara li kien qed jistenna li jircievi l-ajruplan ghall-verifika mehtiega u kien a dispozizzjoni tas-socjeta` konvenuta biex, jekk jirrizulta xi difett, dan jitranga taht il-garanzija li kienet ghadha effettiva. Kienet is-socjeta` konvenuta li injorat dan kollu u ma jirrizulta l-ebda prova, ghajr ittra miktuba fl-20 ta' Dicembru 1999 (ben 5 xhur wara li saret l-istallazzjoni in kwistjoni) li nkitbet bi twegiba ghall-insterpellanza mis-socjeta` attrici li ssemmi xi problemi. Kif jghid l-abbli difensur tal-attur *nomine*, Avionik

Straubing qatt ma tqeghdet f'pozizzjoni li tkun tista' tirrimedja ghal tali nuqqasijiet.

Din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda ghar-ragunijiet fuq spjegati.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta in kwantu li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa'** it-talbiet tal-attur *nomine* billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-attur *nomine* fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf u erbghin Deutsche Marks u hamsa u erbghin *pfennig* (DEM42,040.45) ekwivalenti ghal ghoxrin elf seba' mija u tlieta u erbghin ewro (€20,743) (gja tmint elef, disa' mija u hames Liri Maltin - Lm8,905) rapprezentanti l-prezz ta' diversi servizzi rezi mill-attur *nomine* lis-socjeta` konvenuta u ta' diversi *"parts"* u *"components"* ta' ajruplani u makkinarju tal-avjazzjoni iehor mibjugh u konsenjat mill-attur *nomine* lis-socjeta` konvenuta fuq ordni u nkarigu specifiku tal-istess socjeta` konvenuta;

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess attur *nomine* s-somma ta' tnejn u erbghin elf u erbghin Deutsche Marks u hamsa u erbghin *pfennig* (DEM42,040.45) ekwivalenti ghal ghoxrin elf, seba' mija u tlieta u erbghin ewro (€20,743) dovuti kif u ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq;

Bl-imghax legali dekorribbli mid-9 ta' Lulju 1999 sal-gurnata tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------